32006R0315

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 315/2006

tat-22 ta' Frar 2006

li jimplimenta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1177/2003 dwar l-istatistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tad-djar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar l-istatistika tal-Komunità dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC) [1] u b' mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien, li jinkorporaw informazzjoni rappreżentattiva u longitudinali, komparabbli u fil-ħin dwar id-dħul u l-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq livelli nazzjonali u ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Taħt l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, miżuri ta' implimentazzjoni huma meħtieġa għal-lista ta' oqsma sekondarji fil-mira u fatturi varjabbli li għandhom jiġu inklużi kull sena fil-komponent rappreżentattiv ta' l-UE-SILC. Għassena 2007, għandha tkun stipulata l-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira inkluża fit-taqsima dwar il-kundizzjonijiet tad-djar. Din għandha tkun akkumpanjata bid-dispożizzjoni tal-kodiċi u tad-definizzjonijiet varjabbli.

(3) Il-miżuri li hemm previst f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira, il-kodiċi varjabbli u d-definizzjonijiet għat-Taqsima 2007 dwar il-kundizzjonijiet tad-djar li għandhom jiġu inklużi fil-komponent rappreżentattiv ta' l-istatistika Komunitarji dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC), għandhom ikunu hekk kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-22 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1553/2005 (ĠU L 225, tat-30.9.2005, p. 6).

ANNESS

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, l-unitajiet li ġejjin, metodi ta' ġbir tad-*data*, perjodi ta' referenza u definizzjonijiet għandhom japplikaw.

1. **Unitajiet**

Il-fatturi varjabbli fil-mira għandhom x'jaqsmu ma' żewġ tipi ta' unitajiet:

— tad-Dar (*Il-fatturi varjabbli kollha ħlief Bidla ta' residenza*)

— is-suġġett tad-dar (*Bidla ta' residenza*)

2. **Metodi tal-ġbir tad-data**

Għall-fatturi varjabbli kollha fil-mira, il-ġbir ta' *data* hija intervista personali mas-suġġett jew ir-reġistru tad-dar.

3. **Perjodi ta' Referenza**

Il-fatturi varjabbli fil-mira għandhom x'jaqsmu ma' tliet tipi ta' perjodi ta' referenza:

— Tas-soltu: sajf/xitwa normali, fiż-żona fejn tinsab id-dar. (*Dar li hija kennija matul ix-xhur tax-xitwa Dar li hija friska matul ix-xhur tas-sajf*)

— L-aħħar sentejn (*bidla ta' residenza*)

— Attwalment (il-fatturi varjabbli l-oħrajn kollha)

4. **Definizzjonijiet**

(1) *Nuqqas ta' spazju fid-dar*

(a) Nuqqas ta' spazju fid-dar: il-fatturi varjabbli jirreferu għall-opinjoni/kif iħossu s-suġġett dwar in-nuqqas ta' spazju fid-dar.

(2) *Installazzjonijiet u faċilitajiet fid-dar*

(a) Installazzjonijiet ta' l-elettriku: kejbils, punti ta' kuntatt, sokits u installazzjonijiet permanenti ta' l-elettriku oħrjan fid-dar.

(b) Installazzjonijiet ta' l-ilma/drenaġġ: pajpijiet, vitijiet, drenaġġ u żbokkaturi.

(c) Tisħin ċentrali jew simili: unità tad-dar titqies li għandha t-tisħin ċentrali jekk is-sħana hija jew ipprovduta minn ċentru ta' sħana tal-komunità jew minn installazzjoni fil-bini jew fl-unità tad-dar, stabblita għall-għanijiet ta' tisħin, mingħajr referenza għas-sors ta' l-enerġija. Redjeters ta' l-elettriku mwaħħla fil-post, hijters tal-gass imwaħħla fil-post u ħwejjeġ simili huma inklużi. It-tisħin għandu jkun disponibbli f'bosta mill-kmamar.

(d) Tisħin ieħor fil-post: Unità tad-djar hija kkunsidrata msaħħna minn "tisħin ieħor fil-post" meta t-tisħin ma jkunx meqjus bħala "tisħin ċentrali/jew simili". Dan jinkludi, fran, hijters, fuklari u ħwejjeġ simili.

(e) L-ebda tisħin fil-post: L-ebda sistema ta' tisħin jew mezzi ta' tisħin. Tisin mobbli.

(f) Faċilitajiet ta' arja kundizzjonata: sistemi għall-kontroll, speċjalment biex titbaxxa, it-temperatura u l-umdità ta' spazju magħluq; sistemi li jżommu l-arja friska u mhux umduża. Fannijiet sempliċi mhux meqjusa bħala arja kundizzjonata.

(g) Adegwata: biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti/il-bżonnijiet ġenerali tad-dar. Installazzjoni li permanentament ma taħdimx titqies bħala li m'hemm l-ebda installazzjoni. Installazzjonijiet li mhux adegwati jistgħu jkunu: installazzjonijiet f'qagħda ħażina, installazzjonijiet perikoluži, installazzjonijiet li ta' spiss ma jaħdmux, fejn m'hemmx biżżejjed kurrent/pressjoni elettrika biex ikun jista' jintuża l-ilma, l-ilma mhux tajjeb għax-xorb, jew huwa disponibbli b'mod limitat. Problemi minuri temporanji, bħal pereżempju żbukkatura bblukkata, ma jfissrux li l-installazzjoni mhix adegwata.

(3) *Aċċessibilità tal-bżonnijiet bażiċi*

(a) Aċċessibilità: din għandha x'taqsam mas-servizzi użati mid-dar li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet finanzjarji, fiżiċi, tekniċi u ta' saħħa. L-aċċessibilità tas-servizzi għandha tkun stmata f' termini ta' aċċess fiżiku u tekniku, u s-sigħat tal-ftuħ, iżda mhux f'termini ta' kwalità, prezz u aspetti simili.

(b) Servizzi tal-growser: servizzi li jistgħu jipprovdu ħafna mill-bżonnijiet ta' kuljum.

(c) Servizzi bankarji: ġbid ta' flus, transfer ta' flus u ħlas ta' kontijiet.

(d) Servizzi postali: servizzi li bihom wieħed jista' jibgħat u jirċievi pakketti u posta normali.

(e) Trasport pubbliku: xarabank, metro, tram u trasport simili.

(f) Servizzi ta' kura primarja tas-saħħa: tabib tal-familja, ċentru ta' kura primarja tas-saħħa jew servizzi simili.

(g) Skejjel obbligatorji. Jekk aktar minn tifel/tifla wieħed/a fid-dar imur/tmur fi skola obbligatorja, is-suġġett għandu jirreferi għal dak/dik li għandu/għandha l-aktar diffikultajiet.

(4) *Sodisfazzjoni b'mod ġenerali dwar id-dar*

(a) Sodisfazzjoni b'mod ġenerali dwar id-dar: il-fattur varjabbli jirreferi għall-opinjoni/kif iħossu s-suġġett dwar l-ammont ta' sodisfazzjoni bid-dar fit-termini ta' kemm jintlaħqu l-bżonnijiet/l-opinjoni dwar il-prezz, spazju, viċinat, distanza lejn ix-xogħol, kwalità u aspetti oħrajn.

(5) *Bidla ta' residenza*

(a) Raġunijiet relatati mal-familja: bidla fl-istat ċivili/*partnership*. Biex persuna tistabbilixxi d-dar għaliha nnifisha. biex timixi wara s-sieħeb/ġenituri. Biex tikseb skejjel aħjar jew faċilitajiet aħjar għat-tfal u dipendenti oħrajn.

(b) Raġunijiet relatati ma' l-impjieg: bidu ta' xogħol ġdid jew transfer ta' xogħol eżistenti. Tfittxija ta' xogħol jew tmiem ta' l-impjieg. Tkun viċin ix-xogħol/aktar faċli biex tivjaġġa ta' kuljum. Irtirar mix-xogħol.

(c) Raġunijiet relatati mad-dar: Xewqa li tbiddel l-akkomodazzjoni jew l-istatus taż-żamma. Xewqa ta' dar/appartament ġdid jew aħjar. Tfittxija ta' viċinat aħjar/anqas kriminalità.

(d) Tkeċċija/żgombru: il-persuna tkun sfurzat tiċċaqlaq minħabba raġunijiet legali.

(e) Is-sid ma ġeddidx il-kuntratt: il-kuntratt ma ġġeddidx, kuntratt fit-terminu qasir.

(f) Raġunijiet finanzjarji: problemi bil-ħlas tal-kera/ipoteka.

(g) Raġunijiet oħrajn: tmur jew tħalli l-kulleġġ/l-università, saħħa u raġunijiet oħrajn.

(h) Il-perjodu ta' referenza huwa "l-aħħar sentejn". Jekk kien hemm bosta tibdil fid-dar, għandha tingħata r-raġuni prinċipali ta' l-aktar bidla riċenti.

5. **It-trasmissjoni tad-data lill-EUROSTAT**

Il-fatturi varjabbli mmirati f'"il-kundizzjonijiet tad-djar" se jintbgħatu lill-EUROSTAT fil-fajl tad-*data* tad-djar (H) wara l-fatturi varjabbli primarji mmirati.

OQSMA U LISTA TA' FATTURI VARJABBLI MMIRATI

Taqsima 2007 Kundizzjonijiet tad-djar

Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
		Nuqqas ta' spazju fid-dar
MH010		**Nuqqas ta' spazju fid-dar**
	1	Iva
	2	Le
MH010_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
		Installazzjonijiet u faċilitajiet fid-dar
MH020		**Installazzjonijiet adegwati ta' l-elettriku:**
	1	Iva
	2	Le
MH020_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	na (L-ebda elettriku/installazzjonijiet)
MH030		**Installazzjonijiet ta' l-ilma/drenaġġ:**
	1	Iva
	2	Le
MH030_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (M'hemmx ilma/installazzjonijiet)
MH040		**Dar mgħammra b' faċilitajiet ta' tiswin**
	1	Iva - Tiswin ċentrali jew simili
	2	Iva - Tiswin ieħor fil-post
	3	Le - L-ebda tiswin fil-post
MH040_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
MH050		**Id-dar hija kennija matul ix-xhur tax-xitwa.**
	1	Iva
	2	Le
MH050_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
MH060		**Id-dar mgħammra b' faċilitajiet ta' arja kundizzjonata**
	1	Iva
	2	Le
MH060_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
MH070		**Id-dar hija friska matul ix-xhur tas-sajf**
	1	Iva
	2	Le
MH070_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes

Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
		Sodisfazzjoni globali bid-dar
MH080		**Sodisfazzjoni globali bid-dar**
	1	Tassew insodisfatta
	2	Insodisfatta mhux ħażin
	3	Sodisfatta
	4	Sodisfatta ħafna
MH080_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
		Aċċessibilità tas-Servizzi Bażiċi
MH090		**Aċċessibilità tas-servizzi tal-growser**
	1	B'diffikulta kbira
	2	B'xi diffikulta
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH090_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	na (Ma jintużax mid-dar)
MH100		**Aċċessibilità tas-servizzi bankarji**
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH100_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (Ma jintużax mid-dar)
MH110		**Aċċessibilità tas-servizzi postali**
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH110_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (Ma jintużax mid-dar)
MH120		**Aċċessibilità tat-trasport pubbliku**
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH120_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	nma (Ma jintużax mid-dar)

Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
		Aċċessibilità tas-Servizzi Bażiċi
MH130		**Aċċessibilità tas-servizzi tal-kura primarja tas-saħħa**
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH130_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (Ma jintużax mid-dar)
MH140		**Aċċessibilità ta' l-iskola obbligatorja**
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
MH140_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (L-ebda tifel/tifla fl-iskola)
		Bidla ta' residenza
MH150		**Bidla ta' residenza**
	1	Iva
	2	Le
MH150_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
MH160		**Raġuni prinċipali għal bidla tar-residenza**
	1	Raġunijiet relatati mal-familja
	2	Raġunijiet relatati ma' l-impjieg
	3	Raġunijiet relatati mad-dar
	4	Tkeċċija/żgombru
	5	Is-sid ma ġeddidx il-kuntratt
	6	Raġunijiet finanzjarji
	7	Oħrajn
MH160_F	*1*	Il-fattur varjabbli tniżżel
	- 1	Nieqes
	- 2	ma (MH150 mhux = 1)